## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg (il-Ġermanja) fil-5 ta’ Marzu 2020 – Bank Melli Iran, kumpannija pubblika ta’ responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Iranjan , vs Telekom Deutschland GmbH

**(Kawża C-124/20)**

(2020/C 201/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Bank Melli Iran, kumpannija pubblika ta’ responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Iranjan

*Konvenuta:* Telekom Deutschland GmbH

### Domandi preliminari

1) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ([1]) japplika biss meta jkunu ġew indirizzati, direttament jew indirettament, lil operatur ekonomiku tal-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Artikolu 11 ta’ dan ir-regolament, istruzzjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji mill-Istati Uniti tal-Amerika jew huwa biżżejjed li, anki fin-nuqqas ta’ tali istruzzjonijiet, l-azzjoni tal-operatur ekonomiku tal-Unjoni Ewropea tkun intiża li tikkonforma mas-sanzjonijiet sekondarji?

2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li tapplika t-tieni alternattiva: l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 jipprekludi interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali fis-sens li l-persuna li tissokta bix-xoljiment tista’ wkoll ixxolji kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali għal żmien indeterminat ma’ parti kontraenti msemmija fis-Specially Designated Nationals List (SDN) miżmuma mill-Office of Foreign Assets Control (OFAC) tal-Istati Uniti tal-Amerika, inkluż fejn ix-xoljiment isir għall-finijiet ta’ konformità mas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, mingħajr ma jkun neċessarju li tingħata raġuni għax-xoljiment u għalhekk mingħajr ma jkun neċessarju li tintwera u tiġi ppruvata fi proċedura ċivili li r-raġuni għax-xoljiment ma kinitx fi kwalunkwe każ il-konformità mas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika?

3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda fl-affermattiv: xoljiment ordinarju bi ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 għandu neċessarjament jitqies li huwa bla effett jew l-għan tar-Regolament jista’ wkoll jiġi ssodisfatt permezz ta’ sanzjonijiet oħra, pereżempju multa?

4) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tielet domanda fis-sens li tapplika l-ewwel alternattiva: fid-dawl tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minn naħa, u tal-possibbiltà ta’ derogi skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, min-naħa l-oħra, dan japplika wkoll fil-każ li l-operatur ekonomiku tal-Unjoni Ewropea jiffaċċja riskju, billi jissokta bir-relazzjoni kummerċjali mas-sieħeb kuntrattwali elenkat, li jġarrab telf ekonomiku kbir fis-suq Amerikan (fil-każ ineżami 50 % tad-dħul mill-bejgħ tal-grupp)?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta’ Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta’ l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 75), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1100 tas-6 ta’ Ġunju 2018 li jemenda l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 (ĠU 2018, L 199I, p 1)

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona (Spanja) fid-9 ta’ Marzu 2020 – YJ vs Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS)

**(Kawża C-130/20)**

(2020/C 201/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* YJ

*Konvenut:* Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS)

**Domanda preliminari**

Dispożizzjoni bħall-Artikolu 60(4) tal-Ley General de la Seguridad Social (il-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali), li teskludi mill-benefiċċju tas-suppliment tal-maternità n-nisa li jirtiraw volontarjament b'mod antiċipat, għall-kuntrarju ta' dawk li jirtiraw volontarjament fl-età normali tal-irtirar, jew li jirtiraw b'mod antiċipat, iżda minħabba l-attività eżerċitata matul il-ħajja professjonali tagħhom, minħabba diżabbiltà, jew għaliex ikunu waqfu jaħdmu qabel ma jkunu rtiraw għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lilhom, tista' titqies bħala diskriminazzjoni diretta fis-sens tad-Direttiva 79/7 [1]?

(1) Direttiva tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215)

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-139/20)**

(2020/C 201/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Siekierzyńska u A. Armenia, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, billi implimentat liġi li tagħti eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija użati minn negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija koperti mis-sistema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-Artikolu 17(1)(b) u mill-Artikolu 17(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku [1];

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-Repubblika tal-Polonja introduċiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżenjoni mid-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija użati minn negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija koperti mis-sistema tal-Unjoni għan-negozjar tal-emissjonijiet (iktar 'il quddiem is-"sistema EU ETS".

Fil-fehma tal-Kummissjoni dan jikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 17(1)(b) u mill-Artikolu 17(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-eżenzjoni jew it-tnaqqis tal-livell tat-tassazzjoni applikabbli għall-prodotti tal-enerġija użati minn negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija huma possibbli biss meta jkunu ġew konklużi ftehimiet ma' impriżi jew ma' assoċjazzjonijiet tal-impriżi jew meta jkunu ġew introdotti skemi ta' permessi negozjabbli jew arranġamenti ekwivalenti, jekk kemm-il darba dawn iwasslu sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' protezzjoni tal-ambjent jew sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika. Fil-fehma tal-Kummissjoni, is-sistema EU ETS ma tistax titqies bħala "skema ta' permessi negozjabbli" fis-sens tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405.

---